**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta Jannar 2017.**

**Rikors Numru 19/2015 CSH**

**Brendan Borg**

**Vs**

**Robert Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat nhar l-14 ta' Jannar 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' mhux izjed minn ta' hdax-il elf, sitt mija hamsa u erbghin centezmu [EUR 11,645] rapprezentanti din is-somma l-prezz ta' merce li baqghet ma nbieghetx u li kienet parti minn konsenja akbar ta' merce lilu kkonsenjata bhala '*on consignment basis*' fil-fond Pool Offices, Victory Street, Qormi, liema merce, qatt ma giet ritornata lilu wara li nghalaq il-hanut tal-konvenut u dana minkejja d-diversi interpellazzjonijiet sabiex tigi kkunsenjata lilu l-merce mhux mibjugha, liema nterpellazjonijiet baqghu jigu injorati.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Novembru 2014, u bl-imghax mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **Robert Zammit** li giet ipprezentata fir-Registru fit-3 ta' Frar, 2015 fejn eccepixxa s-segwenti:

a. *"Illi l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall-pretensjonijiet tal-attur, ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur;*

b. *Illi l-attur qed jitlob il-hlas ta' merce konsenjata on consignment. Ir-rikors kif intavolat mill-attur hu monk u l-azzjoni giet impostata hazin u hi irrita u nulla, billi l-attur seta' jitlob biss ir-ritorn tal-merce, u subordinatament il-prezz tal-istess jekk il-merce tkun giet mibjugha jew ma tistax tigi ritornata lura. It-talba principali ghar-ritorn tal-merce hi karenti fir-rikors promotur.*

c. *Illi l-eccipjent ghandu informazzjoni li l-attur ha lura l-merce li kien ikkonsenja lil terzi on consignment basis;*

d. *Illi t-talbiet attrici huma ghalhekk respinti u ma jimmeritawx akkoljiment.*

*Bl-ispejjez."*

Illi fis-17 ta' Gunju, 2015 xehed l-attur **Brendan Borg** u spjega li jaf lill-konvenut peress li kienu jmorru skola flimkien u insegwitu zammew relazzjoni bejniethom. Spjega illi fil-passat huwa kien ibiegh il-hwejjeg. Fil-fatt huwa mportatur ta' hwejjeg. Jiftakar li huwa kien sejjer l-Ingilterra sabiex ikompli l-istudji tieghu u kellu xi stokk ta' hwejjeg li xtaq ibieghu. Fil-fatt kien ftiehem ma' Robert Zammit sabiex jiehu din il-konsenja ta' hwejjeg *on consignment* u dana bil-ftehim li una volta l-istokk li kien ghaddielu jinbiegh, il-flus rikavat jinqasmu nofs bin-nofs. Spejga illi n-negozju mertu tal-kawza ghamlu ma' Robert Zammit personalment. spjega illi l-*invoices* li hareg fil-fatt hargu wkoll f'isem Robert Zammit. Robert Zammit lilu qatt ma' qallu li kellu johrog l-*invoices* f'isem xi kumpanija tieghu. Mistoqsi jekk huwa kellux xi trattattivi ghaddej ma' haddiehor rigward il-merca in kwistjoni spjega illi le.

Illi fit-13 ta' Lulju, 2015 rega' xehed l-attur **Brendan Borg** u spjega li insegwitu huwa kien ipprezenta mandat ta' sekwestru. Wara li huwa kien ipprezenta mandat ta' sekwestru fuq il-hwejjeg mertu tal-

kawza kellu konversazzjoni mal-konvenut Robert Zammit. Esebixxa din il-konversazzjoni li hu ghandu fuq USB u esebixxa wkoll kopja ta' din il-USB sabiex tinghata lill-konvenut. Huwa kkonferma li din il-konversazzjoni saret bejnu u bejn Robert Zammit il-konvenut.

Illi fit-18 ta' Novembru, 2015 xehed **Brendan Borg in kontroezami** u spjega illi l-hwejjeg mertu tal-kawza ma hadhomx fil-hanut hu personalment, izda kien missieru li ha dawn il-hwejjeg u sussegwentement kien qallu li kien hadhom f'post Birkirkara. Ried jikkjarifika li huwa kien ghamel mandat ta' sekwestru fuq il-flejjes li l-konvenut ghandu l-bank u dan inrapprezentanza tal-hwejjeg li hu kien ikkonsenja. Stqarr li huwa minnu li l-konvenut kien kiteb lill-avukat tieghu (tax-xhud) wara li kien sar il-mandat u kompla li sussegwentement rtira l-istess mandat peress li fetah il-kawza. Qal li dejjem mexa fuq il-parir tal-avukat tieghu.

Fit-18 ta' Novembru, 2015 xehed il-konvenut **Dr. Robert Zammit** u spjega li hu minnu li effettivament Brendan Borg kien ghamel kontro-mandat ghall-mandat ta' sekwestru li kien hareg fil-konfront tieghu, u dan a spejjez tal-istess Borg. B'mod sarkastiku qal li skont kif hemm indikat fl-atti, il-hanut jinsab fi Triq il-Vittorja, Qormi. Imbaghad spjega li kien waqt is-seduta ta' llum stess li effettivament sar jaf ghall-ewwel darba li l-hwejjeg gew effettivament ikkonsenjati fil-hanut li ghandu f'Birkirkara. Zied jghid li effettivament Birkirkara m'ghandux *stores* u li *stores* hemm biss f'Hal Qormi. Qal li l-hanut Hal Qormi jigi gestit minn impjegati tal-kumpanija u l-kumpanija li tiggestixxi dan il-hanut hija maghrufa bhala '*Pool Group Malta*'. Ix-xhud esebixxa kopja tal-Memorandum and Articles ta' din il-kumpanija li gew immarkati bhala Dokument MFSA.

Spjega li fost l-*objectives* ta' din il-kumpanija hemm bejgh ta' hwejjeg. Din twaqqfet f'Dicembru 2010 u saret biex jinbieghu l-*advertising* u hwejjeg u jsir *advertising* .

Kompla jghid li effettivament il-kirja spiccat f'Dicembru 2012 meta s-socjeta Pool Group Limited kera dan il-fond lil terzi u ghalhekk il-kirja bejn 'Pool Group Limited' u 'Dwardu Limited' giet terminata.

Mistoqsi jekk kienx ra d-dokumenti esebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala dokument BB1 qabel ma effettivament gew ipprezentati l-Qorti, wiegeb li rahom ghall-ewwel darba meta ltaqghu l-Qorti, u dan jghodd ukoll ghal dokument BB2 a fol. 27. Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar dokument li jinsab a fol. 29, u appuntu fejn hemm indikat li gew mibghuta lilu f'zewg *attachments*, qal li dwar dan ma jaf xejn.

Sostna li f'Dicembru 2012 huwa kien qed jaghmel it-tezi tieghu, ikkonferma li lill-attur ilu jafu ghal zmien twil, cioe' minn mindu kellhom xi erba' snin, u sahansitra anki kienu johorgu flimkien qabel ma nfethet il-kawza odjerna. Imbaghad darba fost l-ohrajn l-attur qallu li kellu xi stokk hwejjeg li ma kienx biegh u staqsieh jekk kienx possibli li jpoggi dawn il-hwejjeg fil-hanut tieghu, fejn hu wiegbu li l-hanut ma jmexxiehx hu. Qal li fil-fatt l-*email* li hawn esebita fl-atti ma gietx mibghuta lill-*email* tieghu izda lil haddiehor, u zied li anki l-ittra hija ndirizzata kemm lilu kif ukoll lil Svetlana. Kompla li effettivament hu ma kienx prezenti meta giet konsenjata din il-merkanzija. Qal li ma jafx l-attur ma' min kien tkellem dwar dawn il-konsenji u jekk kien hemm xi dokumentazzjoni ffirmata f'ismu, huwa dejjem kien lest li jhallasha. Sostna li l-unika involviment tieghu f'din il-kwistjoni kienu l-messaggi li ntbaghtu fuq Facebook u zied li hu m'ghandu x'jaqsam xejn mal-gestjoni tal-hanut. Mistoqsi ghalxiex qed jirreferi fid-dokument esebit fl-atti a fol. 31 u cioe' li huma hargu l-hwejjeg u li effettivament ghamlulhom il-*pricing* u ghamlulhom *discount* ta' 20%, spjega li din hija referenza ghall-hwejjeg li kienu gew ikkonsenjati fil-hanut ta' Hal Qormi.

Illi fit-8 ta' Gunju, 2016 rega' xehed **Dr. Robert Zammit** u spjega illi l-hanut li kien jiggestixxi gewwa Hal Qormi kien gestit taht l-isem tal-kumpanija li jisimha 'Pool Group Malta Limited'. Esebixxa kopja tal-iskrittura dwar kirja tal-post li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH. Spjega li huwa qatt ma kien ircieva xejn minghand Brendan Borg qabel il-kawza odjerna. L-iskrittura tal-lokazzjoni tinsab fl-atti u ghalhekk mhux se jesebixxi kopja ohra ghax dan gie esebit fis-16 ta' Marzu. Spjega illi l-ewwel darba li ra d-dokument B1 u BB2 esebit fl-atti kien meta dehru l-Qorti. Huwa ma jaf bl-ebda *invoice* li harget qabel. Huwa minnu illi Brendan Borg kien habib

tieghu u kienu johorgu flimkien hafna. Spjega li anke l-*email* li kien baghtlu Brendan Borg kien baghtha fuq l-*email* iggenerata mill-kumpanija tieghu u din tinsab esebita a fol 29. Fil-fatt effettivament ma ntbaghtitx lilu personalment, intbaghtat lill-*email* tal-kumpanija generali info@poolgroup. Huwa qatt m'ghamel negozju personali la ma' Brendan Borg u lanqas ma' haddiehor b'mod personali. Il-VAT *number* huwa 20165108 u dana jghajjat lil Pool Group Malta MT. Irriserva li jesebixxi kopja ta' dan il-VAT *certificate* f'seduta ohra. Fit-2012 huwa kien student tal-ligi pero' kien jokkupa il-kariga ta' Direttur tas-socjeta' Pool Group Malta. Fil-fatt kien l-unika Direttur. Proprjament kien wiehed miz-zewg *subscribers* taghhom ukoll u kien jokkupa l-kariga ta' din il-kumpanija wkoll. Spjega wkoll illi r-rapprezentanza guridika ta' din il-kumpanija kienet vestita fih. Huwa minnu wkoll li l-hanut tal-hwejjeg gewwa Hal Qormi ma jigix gestit minnu personalment. Naturalment ma jmurx ibiegh il-hwejjeg hu. Ghalhekk kollox kien ikun f'idejn is-*sales person*. Huwa ma ccekkjax l-istokk minkejja dan jiehu interess fin-negozju tieghu. Jekk generalment jasal stokk ta' erbghin elf imur jiccekjah pero' f'dan il-kaz kif jirrizulta mill-provi li qal Brendan Borg stess jghid li ma tawhx lilu u lanqas jaf lil ma tah. Huwa qatt ma cahad li seta' wasal xi stokk. Pero' fir-*recording* li gie esebit minn Brendan stess hemm referenza li Brendan stess kien gabar l-istokk. F'disa' minuti u hdax-il sekonda tar-*recording* Brendan jinghad li huwa qallu mort gbart xi stokk u Brendan beda jlaqlaq u l-ewwel jghid li ma gabar xejn u halla kollox hemm u mbaghad qed jghid illi xahar qabel kien gabar kaxxa wahda mbaghad huwa staqsieh gbart jew ma gbartx? U beda jdur mal-lewza. Huwa kkomunika ma' Brendan Borg f'isem il-kumpanija fuq din l-allegata konsenja. Fil-fatt f'din il-konverzazzjoni kien spjega li huwa kien se jitkellem mal-*merchandise manager* tieghu Svetlana anzi spjega li dak iz-zmien kien jisimha Rita kunjomha Maggi u kienet tahdem maghhom u kienu waslu biex ituhom *discount* ta' *twenty per cent*. Huwa minnu li huwa lil Brendan Borg qallu li kellu kwantita' ta' zraben li baqghulu hemm u mistoqsi jispjega, spjega illi meta huwa kien qed jitkellem mal-habib tieghu Brendan Borg ma qaghadx jghidlu l-kumpanija ghandha z-zraben u meta huwa spjegalu li ghamilhom Hal Qormi fis-sens li l-kumpanija hadithom Hal Qormi.

Meta' Brendan gie biex jitfa' l-hwejjeg kien qallu biex ikellem lil min jiehu hsieb.

Fil-fatt huwa stess jghid li mar jiddepozitahom fil-*Pool Office* Hal Qormi u fix-xhieda tieghu ta' Settembru spjega illi l-hwejjeg ghadhom Birkirkara. Mieghu ghandu diversi nies li kienu jahdmu. Spjega illi ma jafx fejn effettivament thalla dan l-istokk. Jekk huwa Hal Qormi ghandu nies hemmhekk u jekk qeghdin Birkirkara ghandu nies ohrajn. Huwa ma jistax jghid kemm-il darba Brendan mar fil-hanut u liema hanut mar. Illi ma jistax ikun illi kif qal Brendan fix-xhieda tieghu illi l-hwejjeg hadhom Birkirkara ghax hemmhekk m'ghandhomx *storage*. Jista' jghid min huma l-haddiema tieghu dak iz-zmien pero'. Esebixxa ricevuta tal-hwejjeg li kien jixtri huwa ghall-kumpanija li l-Qorti qed timmarka bhala Dokument CSH1 u fuq din l-*invoice* hemm indikat ukoll isem il-kumpanija.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fl-atti nhar it-13 ta Lulju 2016 li permezz taghha esebixxa kopja tac-certfikat tal Vat tas-socjeta Pool Group Malta Limtied registrata nhar il-5 ta Jannar 2011 ( fol. 67).

Rat in-nota ta' sotomissjonijiet tal-attur prezentata fl-atti nhar is-16 ta Dicembru 2016 bil-kontro visto li sar ghan-nom tal-avukat difensur tal-konvenut.

Semghet lill-avukat difensur tal-konvenut jittratta l-kaz b'mod verbali u dan fis-seduta tas-16 ta Novembru 2016.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qososr kienu s-segwenti.

L-attur de proprio pprezenta din il-kawza kontra l-konvenut de proprio fejn qed jitolbu jhallsu s-somma ta' €11,645 rappresentanti din is-somma prezz ta' mercja mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u li parti minnha kien '*on consignment'* u dan gewwa l-fond Pool Offices, Victory street, Qormi.

Il-konvenut min-naha tieghu fl-ewwel lok jecepixxi li m'ghandux relazzjoni guridika mal-konvcenut ghaliex jghid li semmai in-negozju li sar kien bejn is-socjeta' tal-attur u s-socjeta' tal-konvenut maghrufa bhala Pool Group Malta Limited u fit-tieni lok jecepixxa n-nullita' tal-azzjoni u dan ghaliex l-attur qed jitlob il-hlas ta' somma flus li nghatat fuq consignment u ghalhekk messu talab li tigi rritornata l-merce u fin-nuqqas il-valur taghha u ghalhekk it-talba tal-attur hija karenti bla ebda talba ghar-ritorn.

Illi l-provi f'din il-kawza kienu de minimis u dan ghaliex kienu biss il-kontendenti li xehdu apparti li pprezentaw xi dokumenti.

Konsiderazzjoni legali.

Dwar il-kuncett ta' legittimu kontradittur din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz fil-gurisprudenza nostrana.
Il-konvenut isostni l-eccezzjoni formali tieghu li ma kellux ikun il-*vocatio in ius* maghzul mill-attur u ghalhekk il-konvenut jehtieg jiddemostra, u jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu personalment ma kien dahal f'ebda rapport negozjali mal-attur de proprio ghax skont hu l-kontrattazzjoni saret mas-socjeta' tieghu li taghha hu kien ir-rapprezentant jew mandatarju. (Ara "**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999). Mhux dan biss pero`. Huwa ghandu jipprova wkoll illi fil-mument meta sar in-negozju mal-attur, li maghha gie miftiehem in-negozju tal-bejgh *on consignment*, kien a konoxxenza tal-fatt illi min pogga l-ordnijiet mieghu u min mieghu kkonkluda n-negozju kien jaf li f' dak il-mument kien qed jagixxi inrapprezentanza tas-socjeta` tieghu.
"*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b' mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta"*

(“**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et*”,** Appell, 3 ta’ Dicembru, 1999)

Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell Sede Inferjuri, 27 ta’ Gunju, 1953 insibu:

“*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-“onus probandi” hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - “ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat.*”

Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu.

Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Jigi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo e**t (deciza 28/04/2004):

“...li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.
F’kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa’ dejjem jimpera l-principju ‘*actore non probante reus absolvitur’*. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b’tort jew b’negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor ‘*reus in excipiendo fit actor’*, ghax, jerga’ jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa’ fuqu.

Fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri** (deciza 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed tezamina hsara b’tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-

"*Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort tal-atturi*".

Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni."

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma et vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992[1]:

*"Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun*

[1] Vol. LXXVI iv 677.

*qieghed jikkontratta f'isem haddiehor; Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;*

*Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203. Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede*."

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti tal-Appell gie ritenut ukoll li,

"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata.

Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe v. Anthony Vella et,** Qorti tal-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."

U aktar tard ziedet li:
"*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparent lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher inrapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (***Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice***, Qorti tal-Appell, 6 ta' Ottubru 1999*)."

Mis-suespost jemergu dawn il-principji:

• normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu;

• Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;
• fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz;
• kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede;
• min innegozja mal-attur kellu jirrileva b'mod car u univoku li f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata f'dan il-kaz Pool Group Malta Limited;
• altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta;

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fatti speci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno. Il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' **Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono** biex tipprova li fil-fatt l-konvenut de proprio kien il-legittimu kontradittur. L-attur sostna li l-konvenut ma gab ebda prova li ma kien konsapovoli li huwa kien qed jagixxi f'ismu proprju. L-attur sostna li l-konvenut qatt ma kien qallu li hu qed jikkontratta f'isem socjeta` li tbiegh il-merkanzija inkwistjoni. L-attur sostna li qatt ma kellu indikazzjoni li n-negozju qed isir mas-socjeta' tal-konvenut. L-attur insista li l-ewwel darba li huwa sema' b'din is-socjeta` kien meta nfethet din il-kawza.

Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti minn Brendon Borg jirrizulta li l-merca giet ikkonsenjata lill-konvenut de proprio imkien ma hemm referenza ghal xi socjeta'. Anke l-email address tieghu hija brendanborginc@gmail.com u jghid li l-email intbaghtet lilu fuq isem socjeta' pero' minn ezami ta' dan id-dokument a fol. 29 din l-allegazzjoni ma tirrizultax.

Jghid li din il-Qorti kienet tippretendi li l-konvent u in sostenn ta' dak allegat minnu kien jipprezenta per ezempju l-ftehim originali li kien hemm bejn il-partijiet, jew addirittura xi cekk *image* ta' xi pagament li kien ghamel lill-attur ghal xi bejgh ta' merkanzija li kellu on consignment, jew xi *invoice*/fattura f'isem is-socjeta' Pool

Group Malta Limited iffirmata minnu. Pero' minn dan ma kien hemm xejn. Anzi addirittura l-attur pprezenta xi komunikazzjoni li ghaddiet bejn il-kontendenti u minn ezami tal-istess imkien ma jirrizulta li l-konvenut kien informa lill-attur li kien qed jagixxi f'isem xi socjeta' anzi addirittura l-konversazzjoni kienet wahda normali bejn zewg negozjanti li kien qed jagixxi f'isimhom proprju u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi rigettata.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' li t-talba hija karenta u dan ghaliex fit-talba ma hemmx talba sabiex ikun hemm ir-ritorn tal-oggetti li kienu on consignment ghand il-konvenut u li ma inbieghux. Illi huwa minnu li fit-talba tal-attur hemm talba wahda biss fejn l-attur qed jitlob somma flus ghall-bejgh ta' oggeti pero' fl-istess nifs jghid li l-oggetti kienu ghand il-konvent 'on consignment' u li parti minnhom ma nbieghux. Ghalhekk l-attur messu talab ir-ritorn tal-oggetti li ma nbieghux u f'kaz li nbieghu jitlob il-hlas taghhom. Dan pero' ma jirrizultax li sar.

Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Frar 1965 fil-kawza **"<u>Ruggier et vs Refalo</u>"** (Kollez. Vol. XLIX.III.1128) il-Qorti tal-Kummerc abbraccjat l-enuncjazzjoni li kienet ghamlet l-istess Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta` April 1951 fil-kawza **"<u>Vassallo noe vs Caruana</u>"** (Kollez. Vol. XXXV. III.574) illi –

*"il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci on consignment huwa kuntratt mhux ta' bejgh imma pjuttost ta' kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx".*

Fis-sentenza "**<u>Vassallo noe vs Caruana noe</u>**" (ara l-paragrafu ta` qabel) kien ipprecizat illi meta jsir bejgh *on consignment* il-parti li tircievi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik il-merkanzija, bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss min-natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lil terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma` dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha.

Din il-Qorti ma tistax takkorda t-talba attrici a bazi tal-fatt li jekk taghmel hekk tkun qed tmur kontra l-ispirtu tal-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti u coie' wiehed ta' bejgh *on consignment*. Kien rikjest ghalhekk li l-attur jaghmel talba ghar-ritorn tal mercja qabel ma jaghmel talba ghall-hlas haga li m'ghamilx u ghalhekk din il-Qorti taqbel li t-talba kif formulata hija monka u ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur, qieghda tilqa' t-tieni eccezzjoni tal konvenut li cioe' li l-azzjoni hija monka u konsegwentement qieghda tichad it-talba tal-attur.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-attur fl-intier taghhom.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**